**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri - PRESIDENT**

**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Onor. Imhallef Edwina Grima**

**Seduta ta' nhar-it-Tnejn 09 ta' April 2018**

**Att ta' Akkuża**

**Nru. 13/2015**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Martino Aiello**

**Il-Qorti,**

1.Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-akkuzat Martino Aiello detentur tal-karta ta'l-identita taljana numru AS 4759564 akkuzat talli:

**(1) fit-18 ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Erbatax (2014) u matul I-ahhar sitt xhur qabel din id-data, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f'Malta (il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assocjazzjoni.**

**(2) fit-18 ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Erbatax (2014) u matul l-ahhar sitt xhur qabel din id-data, importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan meta ma kellux Iicenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.**

**(3) fit-18 ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Erbatax (2014) kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall esportazzjoni mahrug skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienux awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern Fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha Ii jkollu dik id-droga li ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan illi c-cirkostanzi li fihom instabet din id-droga juru Ii dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.**

**(4) matul is-sitt xhur qabel it-18 ta' Ottubru tas sena Elfejn u Erbatax (2014), senjatament f' Mejju u f'Gunju 2014, forna, biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza minghajr ma kellu l-licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta'l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li**

**jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.**

2. Rat li b'rikors tad-19 ta' April 2016 l-akkuzat Martino Aiello, ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors talab li jigi awtorizzat jipprezenta l-eccezzjoni msemmija fl-istess rikors u cioe' li ghar-ragunijiet imsemmija fil-kawza Borg v Malta (Application no. 37537/13) deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fit-12 ta' Jannar 2016 l-inammissibilita' ta' l-istqarrija tieghu u ta' kull riferenza li saret fix-xiehda tal-prosekuzzjoni rigward dak li ntqal fl-imsemmija stqarrija.

3. Rat li b'risposta tal-20 ta' April 2016, l-Avukat Generali rriserva li jirrispondi ghar-rikors imsemmi permezz ta' sottomissjonijiet orali fis-seduta appuntata mill-Qorti ghas-smiegh tal-eccezzjonijiet u dana skont l-artikolu 438(4) tal-Kodici Kriminali.

4. Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni orali tal-prosekuzzjoni u tad-difiza quddiem l-Ewwel Qorti dwar ir-rikors imsemmi tad-19 ta' April 2016.

5. Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fid-09 ta' Mejju 2017 fejn l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-akkuzat giet milqugha.

6. Rat ir-rikors ta'l-appell imressaq mill-Avukat Generali fil-11 ta' Mejju 2017 li bih u ghar-ragunijiet hemmhekk imsemmija talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u minflok tghaddi sabiex tiddisponi mill-materja imqanqla fl-eccezzjoni tal-akkuzat skont il-ligi u fl-ahjar interess u ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

7. Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

8. Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat,**

9. Illi l-appellat ressaq eccezzjoni wahda rigward l-atti tal-Att ta'l-Akkuza imressqa kontra tieghu mill-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta u dan billi eccepixxa l-inammissibilita' bhala prova tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija u ta' kull riferenza fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ghal dak li ntqal f'dik l-istqarrija. Dik l-istqarrija giet rilaxxjata mill-akkuzat fid-19 ta' Ottubru 2014. Fit-trattazzjoni tar-rikors quddiem l-ewwel Qorti l-akkuzat spjega ir-ragunijiet ghaliex fil-fehma tieghu l-istqarrija tieghu ma kienetx ammissibbli bhala prova. Huwa spjega li filwaqt illi huwa kien qed jigi interrogat wara l-arrest tieghu, ma kellux l-assistenza ta' avukat tal-fiducja tieghu prezenti mieghu matul il-kors kollu ta' tali interrogazzjoni. Illi huwa isejjes l-inammissiblita' ta' tali prova fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasburgu fil-kawza Borg v Malta, fuq imsemmija, u l-gurisprudenza ta' dik il-Qorti taht l-artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Huwa ma nvoka ebda regola tal-ligi penali li kienet teskludi l-producibilita' tal-istess stqarrija izda strah unikament fuq il-premessi fuq indikati u fl-istess hin insista li kien qieghed ifittex ir-rimedju ordinarju u li din ma hix kwistjoni ta' riferenza kostituzzjonali, u anzi kkonceda li dak li sar dwar l-istess stqarrija sar in konformita' mal-legislazzjoni penali applikabbli fiz-zmien relevanti.

10. Peress li l-partijiet fl-ewwel istanza qablu li l-eccezzjoni tigi awtorizzata u trattaw ukoll il-mertu taghha l-Ewwel Qorti iddisponiet mill-eccezzjoni b'dan il-mod:

*"Illi din il-Qorti tosserva li s-sentenza Borg v. Malta (hawn fuq citata) ma kinitx biss titkellem fuq id-dritt li wiehed ikollu l-jedd li jikkonsulta ma avukat qabel tigi rilaxxat stqarrija. Dik is-sentenza tghid illi f'kull stadju ta' l-investigazzjoni l-persuna susspettata jew akkuzata jrid ikollha d-dritt ta' l-avukat. Kien ghalhekk li gie promulgat l-Att numru LI ta' l-2016.*

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-istess principji li gew applikati fis-sentenzi hawn fuq imsemmija ghandhom japplikaw f'dan il-kaz ukoll. Dan ifisser li anki jekk r-rikorrenti rrifjuta d-dritt li jikkonsulta avukat ma jfissirx li hu kien ser jirrifjuta l-prezenza ta' avukat fl-istess kamra ta' l-interrogatorju, tenut kont tal-fatt li l-artikolu fuq citat isemmi li l-avukat prezenti ghall-interrogatorju "...jippartecipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni...". Kif wiehed jista' japprezza din hi sitwazzjoni kompletament differenti. Logikament, ma tistax tipenalizza persuna li ghamel ghazla fuq parametri kompletament differenti minn dawk li huma in vigore llum."*

**Ikkunsidrat,**

11. Illi illum il-posizzjoni fid-dritt penali malti fejn persuna suspettata ma tinghatax assistenza legali qabel tirrilaxxja stqarrija bhala rizultat ta' restrizzjoni sistemika applikabbli ghall-akkuzati kollha, giet kristallizzata anki permezz ta' sentenzi ta' din il-Qorti fis-sens li tali cahda fl-istadju pre-processwali tirrendi l-istqarrija tal-akkuzat inammissibbli[1]. Din ir-regola giet ormai recepita bhala parti mid-Dritt proceduràli penali ordinarju. Dan hu l-kaz, izda, ghar-rigward ta dawk l-istqarrijiet rilaxxjati qabel l-10 ta' Frar 2010 meta ngiebu fis-sehh l-emendi li kienu saru ghal Kodici Kriminali fl-artikolu 74 ta' l-Att III tal-2002[2]. Dan ghaliex taht il-ligi vigenti qabel l-emendi imsemmija l-akkuzat kien jigi b'mod assolut u sistemiku prekluz minn assistenza ta' avukat fl-istadju pre-processwali meta s-suspettat kien ikun fil-kustodja tal-pulizija. Bl-emendi

[1] Ara per ezempju Rep v Chukwudi Samuel Onyeabor dec 1/12/2016

[2] A.L. 35/2010

msemmija, u ghalhekk fi zmien li giet rilaxxjata l-istqarrija *de quo* fid-19 ta' Ottubru 2014, l-persuna suspettata inghatat id-dritt li tikkonsulta avukat qabel tigi interrogata mill-pulizija. Di fatti, l-legislatur fl-artikolu l-gdid mahluq fl-Att III tal-2002 haseb sabiex "*il-persuna li tkun arrestata u qed tinzamm taht il-kustodja tal-Pulizija f'xi Ghassa jew f'xi post iehor ta' detenzjoni awtorizzata ghandha, jekk hija hekk titlob, tithalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat u prokuratur legali , wicc imb'wicc jew bit-telefon, ghal mhux aktar minn siegha zmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tigi interrogata, l-persuna taht kustodja ghandha titgharraf mill-Pulizija bid-drittijiet li ghandha taht dan is-sub-artikolu*."

12. Ghalhekk nholqot sitwazzjoni gdida ghar-rigward tal-istqarrijiet li gew rilaxxjati mid-data li ngiebu fis-sehh dawk l-emendi 'l quddiem b'mod li ma jistax jigi ritenut li dwar dawn l-istqarrijiet tapplika xi regola eskluzjonarja ta' dritt penali procedurali li tirrendi dawk l-istqarrijiet inammissibbli ghalkemm konformi mal-ligi penali vigenti fiz-zmien relevanti.

13. L-appellat ghamel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Aldo Pistella, li madanakollu ghadha ma ghaddietx in gudikat billi tinsab pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Mhux biss izda dik l-istanza tipprezenta fattispecje kemmxejn differenti minn dawk ipprezentati quddiem din il-Qorti f'dan il-kaz, billi hemmhekk il-persuna suspettata, u cioe' Pistella, kien accetta l-jedd li jikkonsulta ma' avukat u fil-fatt ha parir effettiv, bir-regola tal-inferenza allura tapplika ghal kaz tieghu, regola li illum giet estromessa mill-ligi.

14. Inoltre, fil-kaz issa taht ezami, kif gia inghad, l-appellat gie moghti l-jedd li jiehu parir legali fit-termini tal-ligi li kienet tezisti fl-2014, u cioe’ qabel id-dhul fis-sehh tal-Att LI tal-2016, izda irrifjuta dan il-jedd u cioe’ meta mistoqsi jekk xtaqx jiehu parir legali qabel l-interrogazzjoni huwa irrifjuta jaghmel dan. Illi allura b’att volontarju u minghajr ma gie imgieghel l-appellat irrinunzja ghal jedd li kienet taghtih il-ligi vigenti dak iz-zmien.

15.Illi l-abbli difensur tal-appellat jargumenta illi gjaladarba huwa ma inghatax il-jedd shih kif mahsub fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem allura l-istqarrija tieghu ghandha tigi ritenuta inammissibbli immaterjalment mir-rinunzja tieghu ghall-assistenza legali.

16. Ghalhekk id-difiza qed issejjes l-eccezzjoni taghha dwar l-inammissibilita ta’ l-istqarrija ta’ l-akkuzat rilaxxjata fid-19 ta’ Ottubru 2014 mhux fuq xi regola penali tal-evidenza li teskludi dik il-prova peress li l-istess stqarrija kienet konformi mal-ligi penali vigenti dak iz-zmien, izda fuq l-allegata lezjoni potenzjali tal-jedd tieghu ghal smigh xierq taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif spjegat mill-Qorti fi Strasburgu, jekk isir uzu minn dik l-istqarrija fil-guri tieghu specjalment, iktar u iktar, meta l-prova dwar l-importazzjoni ta’ madwar hames kilos *cannabis* allegatament tohrog biss mill-konfessjoni maghmula minnu f’din l-istqarrija.

17. Izda kif gia gie ritenut:

> **“Il-gurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u dik tal-Qorti ta' l-Appell huma ben delineati u distinti. Infatti l-istess Qorti ta' l-Appell, bhal kull Qorti ohra li ma tkunx il-Prim'Awla (li ghandha gurisdizzjoni originali in materja) jew il-Qorti Kostituzzjonali (li hija l-Qorti tat-tieni grad f'dawk il-kazi kollha elenkati fil-paragrafi (c) sa (f) tas-subartikolu (2) ta' l-**

**Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni) hija prekluza milli tiehu konjizzjoni ta' kwistjonijiet dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45, u sahansitra jekk tali kwistjoni titqanqal fl-istadju ta' l-appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell dik il-Qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola u vessatorja. Il-posizzjoni hija identika ghal dak li jirrigwarda l-Kap. 319 - ara l-Art. 4(3) ta' l-imsemmi Kapitolu[3].”**

18. Ghalhekk, il-kwistjoni sollevata fl-eccezzjoni tal-akkuzat appellat, arginata kif inhi esklussivament fuq id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem (u l-artikolu korrispondenti tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 39(1)(6)) hi wahda li, minkejja dak sottomess mill-appellat waqt it-trattazzjoni, taqa’ biex tigi regolata skont l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, li jipprovdu li l-Qorti li quddiemha tqum il-kwistjoni ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja. Il-kwistjoni sollevata fl-eccezzjoni tal-akkuzat appellat, ghalhekk, ma tistax tigi deciza *a priori* minn din il-Qorti, u lanqas setghet tigi hekk deciza mill-Qorti Kriminali qabilha.

19. Illi gjaldarba l-kwistjoni imqanqla la hija wahda frivola u lanqas vessatorja, din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(3) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed tibghat lil-Prim’Awla tal-Qorti Civili, l-kwistjoni dwar ***jekk bl-uzu fil-guri kontra l-akkuzat appellat Martino Aiello tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija fid-19 ta’ Ottubru 2014 jigix lez id-dritt tal-istess Martino Aiello ghal smigh xieraq sancit bl-artikolu 39(1)(3) tal-***

[3] Tabone Computer Centre Limited vs direttur tat-telegrafija minghajr fili – app. Civili – 16/04/2004 66/1999

***Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1)(3) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali*.**

20. Tiddiferixxi dan l-appell *sine die* sakemm tigi deciza definittivament il-kwistjoni fuq riferita.

**Prim Imhallef Dr Silvio Camilleri**

**Onor Imhallef Dr Joseph Zammit McKeon**

**Onor Imhallef Dr Edwina Grima**